**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 377/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Pierre Sladden**

**Ommissis**

**Ommissis**

Illum, 26 ta' April 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Pierre Sladden, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 470767M, akkużat flimkien ma' Ommissis u Ommissis quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ġew akkużati lkoll fil-kapaċità tagħhom personali u/jew bħala diretturi ta RedMap Projects Limited u persuni li jħaddmu talli fis-sit sitwat f' Sunrise 2, Triq Olaf Gollcher kantuniera ma triq it-Torri, Swatar nhar il-25 ta' Ottubru u/jew fil ġimgħat u/jew fix-xhur ta' qabel naqsu milli jħarsu is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424.

2. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu naqsu li jaraw li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u jieħdu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Naqsu li jaraw li x-xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħall-bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqsu li jaraw li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħal madwar garigori, turġien, xiftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Naqsu li jaraw l-ilqugħ protettiv barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.2, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018.
3. Akkużati ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkustanzi naqsu li jagħmlu, jew li jiżguraw li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).
4. Akkużati wkoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi fil-kapaċità tagħhom ta' persuni li jħaddmu naqsu milli jiżguraw li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u jiżguraw li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Naqsu wkoll li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u jiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda jieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġene għal utenti differenti. Naqsu li jiżguraw li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u jiżguraw li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Naqsu li jaraw li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali javżawħ dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Naqsu wkoll li jiżguraw li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 S.L. 424.21.

5. Akkużati ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuni li jħaddmu naqsu milli jobdu ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tad-25 ta' Ottubru 2022, biex jissalvargwardjaw s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att XXVII/2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Ottubru 2023, fejn wara li rat l-artikoli 2, 6(1)(2), u 17(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolament 2, 10 u l-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 tal-Iskeda IV, Sezzjoni II, Parti B tal-Liġi Sussidjarja 424.36 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 6(2) tal-Liġi Sussidjarja 424.18, u l-artikoli 2, 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 tal-Liġi Sussidjarja 424.21, fuq ammissjoni tal-imputat Pierre Sladden detentur tal-karta tal-identita' 470767(M), sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u b'assorbiment tal-piena tat-tieni sal-ħames akkuża fl-ewwel akkuża skont l-artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundanatu għal-piena ta' multa ta' sebat elef u ħames mitt ewro (€7,500) (rappreżentanti elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) għal ewwel imputazzjoni u nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tieni sal-ħames akkuża, cioé elf mitejn u ħamsin ewro (€1,250) għal kull akkuża mit-tieni sal-ħames akkuża).

Rat ir-rikors tal-appellant, Pierre Sladden, ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata nhar it-2 ta' Frar 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju mressaq mill-appellant, huwa jilmenta mill-applikazzjoni erroneja tal-Artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali mill-Ewwel Qorti meta din ġiet għal

kalibrazzjoni tal-piena, liema disposizzjoni tal-liġi tapplika meta l-piena prospettata għal kull reat li l-ġudikabbli ikun misjub ħati, tkun waħda pekunjarja biss. L-appellant jikkontendi, iżda, li din id-disposizzjoni tal-liġi ma ssibx applikazzjoni għar-reati li dwarhom huwa kien misjub ħati u dan għaliex dawn jikkontemplaw piena karċerarja u/jew piena pekunjarja. Jikkonsewgi għalhekk, fil-fehma tiegħu, li minkejja li l-Ewwel Qorti għażlet li timponi piena pekunjarja u mhux waħda karċerarja ma jfissirx li l-pieni applikabbli għar-reati li bihom ġie mixli jipprospettaw limitatament pieni pekunjarji. Huwa jsostni li għalhekk l-għarbiel ġudizzjarju li għamlet l-Ewwel Qorti meta ġiet biex tikkalibra l-piena kien wieħed żbaljat u dan għaliex ġaldarba ir-reat kien jipprospetta piena karċerarja kellu jsib l-istitut tal-konkors formali jew idejali tar-reat fejn l-ewwel imputazzjoni titkellem fuq ir-reat b'mod ġeneriku kif imfassal fil-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-imputazzjonijiet l-oħra kollha li jsewgu jindikaw fil-partikolar f'hix kienu jikkonsistu l-vjolazzjonijiet tal-liġi u l-ksur tar-regolamenti li jemanu mill-Att. Finalment jisħaq illi fir-rigward tal-ħames imputazzjoni kellu jiġi applikat is-sub-inċiż (b) għall-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali bit-tnaqqis minn terz sa nofs tal-piena applikabbli għar-reat.

Illi, l-artikolu in dizamina, u ċioe' l-Artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi:

> **f) persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed <u>li għalih hemm pieni pekunjarji</u> tingħata l-piena tal-multa jew ammenda ogħla jew tal-ogħla multa jew ammenda, skont il-każ, b'żieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew ammendi l-oħra; <u>(sottolinear ta' dina l-Qorti)</u>**

Illi, r-reati li dwarhom l-appellant kien misjub ġati mill-Ewwel Qorti iġorru is-segwenti pieni:

1. <u>L-ewwel imputazzjoni</u> - l-Artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-imputazzjoni, fit-termini tal-Artikolu 38(3) ta' l-istess Att, iġġorr magħha "**il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax -il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien ...**".

2. <u>It-tieni mputazzjoni</u> – r-regolament 5 tal-A.L. 88/2018. Stante li dan l-avviz legali jaqa' taħt il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, fit-termini tal-Artikolu 38(3) ta' l-istess Att, il-piena hija dik "**ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax -il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien ...**".
3. <u>It-tielet imputazzjoni</u> – ir-regolament 10(1) tal-A.L. 36/03. Hawn ukoll din il-vjolazzjoni tal-liġi iġġorr l-piena ravviżata fil-*mother act* u ċioe' il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, ai termini tal-Artikolu 38(3) ta' l-istess Att, il-piena hija dik "**ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax -il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien ...**".
4. <u>Ir-raba' imputazzjoni</u> – ir-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 tal-A.L. 121/03. L-istess japplika fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti bil-piena tkun allura dik maħsuba fl-artikolu 38(3) ta' l-istess Att, u ċioe' dik "**ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax -il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien ...**".
5. <u>Il-ħames imputazzjoni</u> - l-Artikolu 17 tal-Att XXVI tal-2000. Ai termini tal-Artikolu 38(3) ta' l-istess Att, il-piena hija dik "**ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax -il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien ...**".

Illi f'dan il-każ taħt il-lenti tal-Qorti hemm il-kummissjoni ta' pluralita' ta' offiżi fl-istess ħin, 'l hekk imsejjaħ *concursus delictorum*. Issa att doluż uniku riżultanti mill-istess intenżjoni kriminuża jista` jaghti lok ghall-ksur ta` aktar minn disposizzjoni

wahda tal-ligi. Dan huwa l-konkors formali jew idejali tar-reat li għalkemm mhux ikkontemplat fil-liġi, madanakollu din il-finzjoni legali għandha tkun applikata fil-kalibrazzjoni tal-piena u dan meta l-istess fatt qed jaghti lok ghal kummissjoni ta' iktar minn reat wiehed.

> "…. **l-prattika kostanti tal-Qrati taghna fil-materja ta` reat uniku tindika illi fejn si tratta ta` "un solo e medesimo fatto", cjoe` att wiehed li jkun jirrizulta mil-istess intenzjoni kriminuza, liema att jinvolvi aktar minn dispozizzjoni wahda tal-ligi, ikun hemm l-unicita` tar-reati, cjoe` jkun hemm reat wiehed, dak magguri, salv pero` illi trid tirrizulta` necessajament dik li hija msejha bhala l-inseparabilita` naturali u guridika bejn iz-zewg reati. F'dan il-kuntest mhux intiz biss il-fatt storiku jew naturali, fid-diversi mumenti tieghu imma l-fatt guridiku fil-kumpless tieghu.**[1]"

Illi l-appellant kien mixli b'mod ewlieni li naqas milli jħares is-saħħa u is-sigurta' tal-impjegati tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Minn dan il-fatt tnisslu ir-reati l-oħra meta hemm speċifikat fl-imputazzjonijiet li jsegwu x'kienu dawn in-nuqqasijiet u ċioe' illi ma ittiħdux dawk il-miżuri kollha xierqa u suffiċjenti biex jipprevjenu waqgħat mill-għoli, in-nuqqas li ssir evalwazzjoni xierqa u sistematika tal-perikli għas-saħħa u is-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, u wkoll in-nuqqas tal-ħaddiema milli jilbsu tagħmir protettiv waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol tagħhom. Għall-aħħar imputazzjoni, kif ġustament jikkonċedi l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, ma hemmx dan il-konkors billi r-reat huwa dak ta' nuqqas ta' ubbidjenza tal-ordni bil-miktub mogħtija lilu mill-uffiċjali tal-Awtorita' fil-25 ta' Ottubru 2022.

Illi kif kien deċiż f'sentenza li jiċċita l-appellant fl-appell tiegħu:

> **Issa, permezz ta' l-ewwel imputazzjoni l-appellat gie akkuzat li naqas milli jhares is-sahha u sigurta` ta' l-impjegati billi naqas mill jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq ilpost tax-xoghol. Din l-imputazzjoni tiehu in konsiderazzjoni kemm is-subartikolu (1) kif ukoll is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabiex tirrizulta din l-imputazzjoni, il-prosekuzzjoni kellha turi x'kienu n-nuqqasijiet lamentati. Dawn in-nuqqasijiet effettivament jirrizultaw mill-imputazzjonijiet l-ohra li taghhom l-appellat instab hati u ghalhekk tali imputazzjonijiet, proprju minhabba l-konkors**

[1] App. Sup. Ir-Repubblika ta' Malta vs Michael Bonnici u Joseph Azzopardi – deċiża 11/01/1994

**formali ideali, ghandhom jitqiesu assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ghall-fini ta' piena[2].**

Illi dina l-ipotezi tal-konkors formali tar-reati giet imfissra fl-artikolu 78 tal-Kodici penali Taljan tal-1889:

***"Colui che con un medesimo fatto viola diverse disposizioni di legge, e' punito secondo la disposizione che stabilisce la pena piu' grave."***

Dwar dan il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dawar il-Proċedura (paġina 45) jgħid hekk:

***'In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of the law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in 'Rex versus Rosaria Portelli' has now become settled law."***

Kien deċiż:

**"Fil-fatt fit-2 ta' Diċembru, 1939, l-Imħallef Harding fil-każ 'Camilleri versus Cilia' kien qal li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, mibni fuq l-istess intenzjoni, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja[3]."**

Jikonsegwi għalhekk illi hemm il-konkors formali jew idejali tar-reat u dan b'referenza għall-ewwel erba' imputazzjonijiet bit-tieni sar-raba' imputazzjoni jkunu assorbiti fir-reat ewlieni u ċioe' dak maħsub fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Issa l-artikolu 38(3) tal-Kap.424 jistipula illi:

**Kull persuna li tagħmel xi reat kontra dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro usebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-ilelf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u barra minnhekk, il-Qorti tista' wkoll, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, tħassar il-**

[2] App. Inf. Il-Pulizija vs Carmelo Ebejer – 04/11/2009

[3] Il-Pulizija vs Gregory Paul Brincat et – App.Inf. 20/09/2012

**liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-miktub jew permessi maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat.**

Illi r-reat kommess mill-appellant kien dak maħsub fl-artikolu 6 tal-Att u li minnu tnisslu il-vjolazzjonijiet tal-liġi maħsuba fir-regolamenti li jagħmlu mal-Att. Ma setax għalhekk l-appellant ikun punit għall-iktar minn darba għall-istess fatt li minnu tnissel r-reat li jikkontempla l-Att u ċioe' in-nuqqas ta' tħaris tas-saħħa u is--sigurta' fuq il-post tax-xogħol, liema ksur tal-liġi seħħ bil-mezz ikkontemplat fl-imputazzjonijiet min-numri 2 sa 4.

Spjanat dan it-tagħlim ġusirprudenzjali u ta' dritt, jikkonsegwi illi l-appellant għandu raġun fl-aggravju minnu ntentat. Issa għalkemm huwa minnu li l-multa ta' €7500 hija fil-parametri tal-liġi, madanakollu huwa evidenti mid-deċide tal-Ewwel Qorti illi meta din ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena, hija applikat erronjament d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali u dan meta kellha tagħti l-piena għar-reat l-iktar gravi, li f'dan il-każ, għalkemm ir-reati kollha iġorru l-istess piena, kellha tingħata biss il-piena għar-reat li dwaru l-appellant kien mixli fl-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni imbagħad tad-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali għall-aħħar imputazzjoni u dan meta l-Ewwel Qorti għaddiet biex timponi piena pekunjarja ukoll.

Għaldaqstant galdarba il-piena erogata ta' €2500 għall-ewwel imputazzjoni għad li mhijiex fil-minimu maħsuba fil-liġi, madanakollu hija waħda fil-parametri u ser tkun ikkonfermata, bil-Qorti madanakollu ser tgħaddi biex tirrevoka il-pieni għall-imputazzjonijiet min-numri 2 sa 4, u tikkonferma il-piena ta' €1250 għall-ħames imputazzjoni.

Tqis illi fid-dawl tal-fatt li ser ikun hemm mitigazzjoni fil-piena ma tarax illi l-Qorti għandha għalfejn tinoltra ruħha fl-aħħar aggravju imqanqal mill-appellant, ukoll għaliex l-piena erogata hija waħda fil-parametri tal-liġi li tikkontempla l-piena massima ta' €11,646.87.

Finalment taqbel mal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti illi r-reati marbuta mas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, speċjalment fejn si tratta ta' siti

ta' kostruzzjoni, huma reati ta' natura gravi u dan fid-dawl tal-konsegwenzi serja li in-nuqqasijiet ravviżati fil-liġi jistgħu iġibu magħhom fejn titqiegħed fil-periklu il-ħajja umana, biex b'hekk lanqas ma tista' tagħti raġun lill-appellant illi l-pieni ravviżati mill-leġislatur huma b'xi mod sproprozjonati mal-gravita' tal-ksur kommess.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost. Tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

1. **Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellant Pierre Sladden, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu; u**
2. **Tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant Pierre Sladden iħallas multa ta' €7,500 u minflok tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tlett elef, seba' mija u ħamsin ewro (€3750).**

**Edwina Grima**

**Imħallef**